MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Numru. 363/2007

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Robert Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Robert Zammit ta’ 26 sena imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Lulju 1978 iben Richard u Joseph nee’ Sillato residenti No 40 Row D. Cesarpina Str, B’Kara detentur ta’ karta ta’ identita’ 412378M

Billi huwa akkuzat talli 25 ta’ Settembru, 20014:

a) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-artiklu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta liema droga nstabet fit-tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
b) Aktar talli kellu l-istess droga f’distanza ta’ anqas minn mitt metru minn skola u jew post iehor fejn jiltaqghu z-zghazagh.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat li fl-ewwel seduta, u cioe dik tal-4 ta’ Frar, 2008 l-imputat irregistra ammissjoni quddiem din il-Qorti, limitatament ghal pussess semplici tar-raza tal-cannabis.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Gurnata tas-Sibt filghaxija Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Drogi kienu qed jaghmlu patrol fl-akwati tal-Junior College. Hin minnhom raw zewg guvintur jiltaqghu, giehom suspett li setghu qed jiddiljaw fuq droga u marru fuqhom.
2. L-imputat rema' kaxxa minn idejh u pakkett sigaretti. Meta rema' l-kaxxa, din infethet u hargu xi affarijiet fil-fidda. B'kollox kien hemm tminn bicciet, sitta (6) minnhom id-daqs ta' sigarett u zewg bicctejn zghar. Dawn gew elevati mill-Pulizija.
3. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat innega li kien rema' bicciet tal-cannabis u li kien juza r-raza tal-cannabis.
4. Fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti, l-imputat ammetta r-reat ta' pussess semplici tar-raza tal-cannabis u li kien bid-droga fid-distanza ta' mitt (100) metru minn skola, pero d-difiza ssottomettiet li l-incident sehh is-Sibt fil-ghaxija ghal-habta tat-8.00p.m. u mhux f'jum ta' skola. Id-difiza qalet ukoll li d-droga kienet intiza ghall-uzu personali tal-imputat.
5. Fir-relazzjoni tieghu, l-espert Spizjar Mario Mifsud ikkonkluda illi *"it-tminn bicciet ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 374/09/01, li l-piz nett totali taghhom kien ta' 19.7 grammi, instabu li kienu raza tal-pjanta cannabis. ... ... Il-purita medja tar-raza tal-cannabis misjuba ghas-sustanza Tetrahydrocannabinol kienet ta' cirka 05.2% ... ..."*[1]

Kif diga inqtal, l-imputat ammetta ghar-reat ta' pussess semplici tar-raza tal-cannabis, pero qed jikkontesta l-aggravju tal-pussess aggravat. Ghalhekk dak li trid tiddeciedi din il-Qorti huwa jekk l-ammont ta' droga li instabet fil-pussess tal-imputat kinietx ghall-uzu esklussiv tieghu, kif qed jissottometti hu, jew ma kienitx ghall-uzu personali tieghu kif qed tissottometti l-Prosekuzzjoni.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Marius Mallia**, deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[2] irriteniet hekk:

*"Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia, cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim.* ***Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio*** *[26.8.2998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara App. Kriminali* ***Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri*** *[2.9.1999]*

[1] Ara rapport tal-ispizjar Mario Mifsud ezebit bhala Dok MM a fol. 26 tal-process, u x-xhieda tieghu a fol. 24 tal-process.
[2] *Per* Imhallef J. Galea Debono.

*Illi pero kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant ... ... (App. Krim.* ***Il-Pulizija vs. Brian Caruana*** **[23.5.2002])**

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[3] spjegat illi: *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni* <u>*mhix mehtiega*</u> *ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrkjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati." Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga* <u>*li mhix bi hsiebha tuza*</u>*, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

Inoltre fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, deciza fit-18 t'Awwissu 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[4] irriteniet illi: *"Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li indizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun*

[3] *Per* Imhallef V. De Gaetano.
[4] *Per* Imhallef J. Galea Debono.

*jispetta lill-imputat imqar fuq bazi ta' probabbilita', li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*[5]

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat qal li dak iz-zmien kien ipejjep erba' (4) jew hames (5) sigaretti kuljum. Kien imur jixtri darba fil-gimgha u kien jixtri ammont li jservih ghal gimgha shiha. Huwa qal li tmintax (18)-il gramma – effettivament instabu 19.7 grammi – kienu jservuh sitta (6) jew sebat (7) ijiem. Dak in-nhar tal-incident huwa qal li kien ghadu kemm xtara d-droga. Huwa jghid li dan ma qalux fl-istqarrija tieghu, ghaliex dak il-hin beza'.

Xehdet ukoll l-gharusa tal-imputat, Tania Grima, li qalet li ilha tohrog mal-imputat sitt (6) snin u li meta bdiet tohrog mieghu kien ipejjep il-haxixa kuljum u kien jixtri ghal gimgha shiha. Hija qalet ukoll li llum il-gurnata huwa kien hareg minn dan il-vizzju.

Fir-rigward tal-gustifikazzjoni li jaghti l-imputat ghaliex instab dan l-ammont ta' droga fil-pussess tieghu, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. L-imputat qal li kien xtara droga biex isservih gimgha u dak iz-zmien kien ipejjep erba' (4) sa hames (5) sigaretti kuljum. Issa kif huwa risaput f'dan il-qasam, id-doza tipika biex issir joint mir-raza tal-cannabis hija ta' 0.2 grammi, pero fit-trattazzjoni tieghu l-Ufficcjal Prosekutur ikkalkula li l-imputat kien juza 0.3 grammi biex jaghmel joint u ghalhekk, din il-Qorti se tuza l-istess kalkolu li uza l-Ufficcjal Prosekutur, a beneficcju tal-imputat. Jekk wiehed jiehu 0.3 grammi resina tal-cannabis u jimmoltiplikaha ghal hames darbiet (kemm l-imputat stess qal li kien jikkonsma joints kuljum) u imbaghad jerga' jimmultiplika b'sebat (7) ijiem (0.3gr x 5 x 7), iwasslu ghall-ammont ta' 10.5 grammi resina tal-cannabis. Ghalhekk, jekk wiehed jikkalkula skont kemm l-imputat stess xehed li jikkonsma droga fil-gimgha, wiehed jasal ghall-ammont ta' 10.5 grammi, mentri fil-pussess tal-imputat instab ammont ta' kwazi d-doppju ta' droga, u cioe 19.7 grammi. Din id-diskrepanza tincidi sostanzjalment fuq il-kredibilita tal-verzjoni tal-imputat.

---

[5] L-Artikolu 26(1) tal-Kapitolu 101 jippreskrivi illi: *"F'kull proċediment kontra persuna għal reat kontra din l-Ordinanza, ma jkunx jinħtieġ li ssir il-prova tan-nuqqas ta' liċenza, awtorizzazzjoni jew materja oħra ta' eċċezzjoni jew difiża, u l-obbligu li jipprova li hemm din il-liċenza, awtorizzazzjoni jew materja ta' eċċezzjoni jew difiża jmiss lill-persuna li tkun trid tinqeda biha."*

2. Kif sewwa irrileva l-Ufficjal Prosekutur, huwa wkoll risaput f'dan il-qasam li min jixtri r-raza tal-cannabis f'ammont kbir, jixtriha shiha, ghax jekk tkun imqatta' f'bicciet zghar tinxef. Issa fil-kaz odjern, id-droga kienet imqassma fi tminn (8) bicciet li kienu separatament imgezwra go bicciet tal-foil,[6] u li kienu tal-pizijiet segwenti: 3.36g, 3.51g, 3.97g, 2.29g, 2.8g, 2.71g, 0.54g u 0.52g.[7] L-ahhar zewg bicciet tant huma zghar, li certament m'humiex kompatibbli ma' xiri *in bulk* tar-raza tal-*cannabis.*

3. Huwa ovvju li l-fatt li ladarba ir-raza kienet imqatta' lesta, u kull bicca imgezwra individwalment, kien iktar facli li tigi spaccata.

4. L-incident sehh is-Sibt fil-ghaxija ghal habta tat-8.00p.m., u ghalhekk kien il-hin li zghazagh jibdew jahsbu biex johorgu, u min irid jabbuza mir-raza tal-cannabis ghal dak il-lejl jew ghal *weekend,* jahseb biex jixtri. Fil-fatt, l-imputat gie intercettat jaghmel kuntatt ma' guvni iehor. Fit-trattazzjoni orali tieghu, l-abbli difensur tal-imputat jghid li dan jista' jfisser li l-guvni l-iehor biegh id-droga lill-imputat. Pero, din is-sottomissjoni hija kontradetta minn dak li xehed l-imputat stess li ma riedx jikxef minghand min xtara d-droga, izda l-Pulizija kienu jafu min hu l-guvni l-iehor – certu Michael Galea.[8]

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti l-imputat ma rnexxielux jipprova sal-grad tal-probabbli li d-droga li instabet mill-pulizija kienet ghal uzu esklussiv tieghu. Inoltre, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, hemm provi u cirkostanzi bizzejjed biex iwassluha ghal konvinciment morali rikjest fil-kamp penali, li din id-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Kif intqal iktar il-fuq, l-aggravanti li l-imputat kellu fil-pussess tieghu d-droga f'distanza ta' anqas minn mitt (100) metru minn skola gie ammess mill-imputat, pero id-difiza issottomettiet li l-incident sar is-Sibt fil-ghaxija ghal-habta tat-8.00p.m., jigifieri mhux f'jum ta' skola. Pero it-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 ma jaghmilx distinzjoni bejn jekk il-gurnata jew il-hin li fih jinqabad l-imputat f'dik id-distanza, l-iskola jew post fejn jiltaqghu iz-zghazagh ikunx miftuh jew le. Fil-fatt dan il-proviso jippreskrivi hekk: *"Iżda wkoll meta persuna tinsab ħatja kif provdut fil-paragrafu (a)(i) jew fil-paragrafu (b)(i) u r-reat ikun sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-*

[6] Ara fol. 1 tar-rapport tal-espert Spizjar Mario Mifsud.
[7] Ara fol. 2 u 3 tar-rapport tal-espert Spizjar Mario Mifsud.
[8] Ara xhieda tal-Ispettur Norbert Ciappara a fol. 8 tal-process.

*perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ, ... ... il-piena tiżdied bi grad."*

Din kienet ukoll l-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[9] fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Emanuel Calleja**, fejn dik il-Qorti irriteniet hekk: *"Dwar distanzi mill-iskola sekondarja tal-Imriehel, din il-Qorti hija sodisfatta ... ... li l-istess apellant kien f'certu hin gewwa distanza ta' mitt metru mill-imsemmija skola sekondarja meta huwa kien fil-pussess ta' erojina fic-cirkostanzi aktar 'l fuq imsemmija. Naturalment huwa rrelevanti l-fatt li l-gurnata in kwistjoni - 29 ta' Ottubru 1995 – kienet gurnata tal-Hadd. Ghalhekk dan it-tieni aggravju qed jigi wkoll respint."*

Konsegwentement, in vista tal-konkluzjoni ta' din il-Qorti li l-pussess tad-droga ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-imputat, u in vista tal-ammissjoni tal-imputat li huwa kien fid-distanza ta' mitt metru minn skola, l-aggravanti kontemplat fit-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 gie wkoll ippruvat.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghall-fini tal-piena l-Qorti ikkunsidrat li l-imputat m'ghandux fedina penali allarmanti. Fil-fatt huwa ghandu zewg kundanni minn dawn il-Qrati relatati mal-ligi tal-kacca.

L-ammont ta' droga fil-pussess tal-imputat – 19.7 grammi - ma kienx wiehed insinifikanti. Fil-fatt, jekk jintuza l-istess kalkolu ta' 0.3 grammi raza ghal kull joint, minnu johorgu 65 joint (19.7g divizi bi 0.3 grammi).

In oltre in vista li r-reat sar go distanza ta' mitt metru minn skola, il-piena trid tizdied bi grad, kif intqal iktar il-fuq.

[9] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano

Skond ix-xhieda tal-gharusa tieghu, l-imputat issa qata' dan il-vizzju tal-abbuz tad-droga. Pero kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009 *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."* Fil-kaz odjern mill-provi ma jirrizulta li l-imputat ghamel l-ebda programm residenzjali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih,

u tikkundannah ghal piena ta’ sentejn u nofs prigunerija effettiva, - u multa ta’ elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsa u sebghin Euro (€75.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ erba’ mija u disgha u erbghin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€449.43), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------